# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 19/2025**

Data: L-Erbgħa 16 ta' April 2025

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Charles Bonello (17:43hrs) | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo (17:52hrs) | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Skużat/i: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| Assenti: | | |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

19.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

19.2 MINUTI

19.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

# KUNSILL LOKALI FGURA

19.4 KORRISPONDENZA

19.5 PLANNING AUTHORITY

19.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

19.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

19.8 MISTOQSIJIET

19.9 MOZZJONIJIET

19.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

19.11 FINANZI

19.12 TRAFFIC MANAGEMENT

19.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

19.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

19.15 STAFF

19.16 PURCHASE REQUEST FORM

19.17 ĦLASIJIET

19.18 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 19.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**19.1.1** Kien hemm żewġ talbiet ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku, u mingħand il-Kuns J Scicluna. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

## 19.2 MINUTI

**19.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7134/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti ta' laqgħa 18/2025 bid-data 18 ta' Marzu 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**19.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7135/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa tal-Lokalità bid-data 9 ta' April 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 19.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**19.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 19.4 KORRISPONDENZA

**19.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza mill-Heritage Malta fejn huma nteressati biex jikru 'street advertisement furniture', u għaldaqstant ser tkun diskussa magħhom din il-possibiltà ghax hija opportunità tajba għall-Kunsill. Il-Kunsill approva.

## 19.5 PLANNING AUTHORITY

**19.5.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 19.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**19.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li kien hemm ħafna skemi li ma sarux minħabba raġunijiet varji. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien applika għal Vjal Kulħadd fejn kien ġie aċċettat u għaldaqstant kien hemm bżonn li jsir xi ċaqlieq ta' fondi, kif kien diġà diskuss f'laqgħa preċidenti. Is-Sindku żied jgħid l-flus li kienu vvutati għal 'slow streets' issa marru fuq il-Pocket Park ta' Triq is-Sur fejn ħareġ it-tender. Is-Sindku qal ukoll li l-flus li kienu vvutati għall-'open gym' ser imorru fuq aċċessibiltà u nklużjoni.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7136/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-bidla fil-proġetti għall-iskemi SPI/SCI/3/2020, SPI/SCI/9/2022 u SPI/SCI/2/2024 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 19.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**19.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li din is-sena r-Reġjun iddeċieda li s-Sindki jitilgħu Brussel bejn it-12 u l-15 ta' Ottubru 2025, fejn it-titjiriet ser inkunu mħallsa mir-Reġjun u l-akkomodazzjoni tiġi mħallsa mill-Kunsill. Il-Kunsill approva.

**19.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li skond il-liġi jekk xi ħadd mill-membri tal-Kunsill ikun assenti jew skużat għal numru ta' laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali, għandha titressaq mozzjoni quddiem il-Ministru.

Is-sindku ressaq mozzjoni ref: **7137/25/9** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li bejn Jannar 2025 u April 2025, dawn il-Kunsilliera kienu assenti u/ jew skużati hekk kif indikat hawn isfel: Total ta' 7 laqgħat: Viċi Sindku Darren Marmara - 08.01.2025, 18.02.2025, 07.03.2025, 18.03.2025 u 09.04.2025. Peress li skond artiklu 18 tal-Liġi (Kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-Kunsilliera li jkunu naqsu 4 laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqgħat li jkunu saru fi żmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-każ ta' dawn il-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tal-Ministru. Minkejja dan, dan il-Kunsill jitlob lill-Ministru sabiex tali post ma jiġux vakanti u l-imsemmija Kunsilliera jibqgħu jokkupaw il-kariga.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Is-sindku ressaq mozzjoni ref: **7138/25/9** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li bejn Jannar 2025 u April 2025, dawn il-Kunsilliera kienu assenti u/ jew skużati hekk kif indikat hawn isfel: Total ta' 7 laqgħat: Kuns Adrian Tanti - 08.01.2025, 22.01.2025, 07.03.2025, 18.03.2025 u 09.04.2025. Peress li skond artiklu 18 tal-Ligi (Kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-Kunsilliera li jkunu naqsu 4 laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqgħat li jkunu saru fi zmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-każ ta' dawn il-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tal-Ministru. Minkejja dan, dan il-Kunsill jitlob lill-Ministru sabiex tali post ma jiġux vakanti u l-imsemmija Kunsilliera jibqgħu jokkupaw il-kariga.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7139/25/9** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li bejn Jannar 2025 u April 2025, dawn il-Kunsilliera kienu assenti u/ jew skużati hekk kif indikat hawn isfel: Total ta' 7 laqgħat: Kuns Ryan Ellul - 08.01.2025, 08.01.2025, 07.03.2025, 18.03.2025 u 09.04.2025. Peress li skond artiklu 18 tal-Ligi (Kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-Kunsilliera li jkunu naqsu 4 laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqgħat li jkunu saru fi żmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-każ ta' dawn il-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tal-Ministru. Minkejja dan, dan il-Kunsill jitlob lill-Ministru sabiex tali post ma jiġux vakanti u l-imsemmija Kunsilliera jibqgħu jokkupaw il-kariga.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**19.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ombudsman fuq il-każ tal-mutur fi Triq il-Foss. Is-Sindku qara din il-korrispondenza annessa bħala 'Dok A'. Is-Sindku qal li huma qed jitolbu l-kummenti tal-Kunsill, u li għandu jiġi mfittex fl-RWP's għaliex dak iż-żmien fi Triq il-Foss kien qed isir xi xogħol tal-Water Services Corporation, u li peress li kienet saret trinka, it-tarmak beda jinqala, u waqt li jkun qed isir ix-xogħol inutli li jimtlew il-ħofor. Is-Sindku żied li għandu jingħad li kienu għaddejjin ix-xogħolijiet, fejn għandha tiġi annessa l-RWP u jiġi spjegat x'kien għaddej. Il-Kunsill approva.

**19.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li minn naħa tar-reġjun inġiebu l-fondi tal-LESA u l-pulizija, fejn is-somma hija dik ta' €1154.

**19.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva taħrika fuq każ li kien sar fis-sena 2022, fejn kien seħħ inċident fi Triq San Ġwann kantuniera ma' Triq l-Iskola, u l-Kunsill Lokali kien imħarrek rigward it-tabelli meta kienu twaħħlu, u anke fuq xi bollards li hemm imwaħħlin fil-kantuniera tal-bankina. Is-Sindku żied jgħid li s-Segretarju Eżekuttiv fittxet fil-minuti fejn instab li l-Kunsill kien għadda mozzjoni sabiex Triq San Ġwann direzzjoni lejn il-'main road' issir 'one way'. Is-Sindku kompla billi qal li huma aċċettaw il-minuti kif ukoll il-mozzjoni. Huwa qal ukoll li ġie mistoqsi x'kien l-iskop tal-bollards imwaħħla fil-kantuniera, fejn qal li dawn kienu hemm minħabba li kienu jiġu pparkjati vetturi fuq il-bankina, u għaldaqstant kien jingħalaq l-aċċess għall-pubbliku.

**19.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza sabiex fit-12 ta' Mejju tinxtgħel il-faċċata tal-Kunsill Lokali bil-kuluri blu u vjola minħabba għarfien dwar il-fibromyalgia.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7140/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jixgħel il-faċċata blu u vjola fit-12 ta' Mejju 2025 għal każ ta' għarfien dwar il-Fibromyalgia kif ukoll ME board.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns R Ellul ħareġ mill-kamra fis-17:46.

**19.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li l-kameras l-antiki li kienu jintużaw fil-board room għall-laqgħat tal-Kunsill Lokali u li ġew mibdula, ser jitneħħew mill-assets tal-Kunsill.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **714/25/9** 'Sabiex issir write off mill-fixed assets tar-recording cameras li kienu fil-board room tal-Kunsill tal-Fgura wara li ma baqgħux kompatibbli għar-recording tal-laqgħa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**19.7.8** Is-Sindku nforma l-kamra li ser jintremew is-siġġijiet li kienu jintużaw qabel fil-Kunsill u jitneħħew mill-assets tal-Kunsill, minħabba li mhumiex f'kundizzjoni tajba.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7142/25/9** 'Sabiex issir write off mill-fixed assets ta' 13-il siġġu mill-Kunsill Lokali tal-Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**19.7.9** Is-Sindku nforma l-kamra li xi żmien qabel kienet ġiet riċevuta korrispondenza minn naħa tal-pixxina ta' SportMalta, fejn il-Kunsill kien kellimhom però l-postijiet kienu laħqu ġew mimlija. Is-Sindku qal li reġgħet ġiet riċevuta korrispondenza minn naħa tagħhom fejn infurmaw lill-Kunsill li qed jiġu offruti lezzjonijiet ta' l-għawm b'xejn lill-20 resident mill-Fgura li ser isiru darba fil-ġimgħa għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru. Is-Sindku qal ukoll li huma qalu li l-Kunsill kien diġà ġie nnotifikat

f'korrispondenza li ntbagħtet minn naħa tagħhom aktar qabel, però din ma ġietx riċevuta. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill qed jikkomunika magħhom u qed jiġi mistoqsi jekk it-trasport huwiex għal spejjeż tagħhom jew tal-Kunsill. Il-Kuns R Deguara qal li għal min jixtieq imur, il-Kunsill m'għandux jitgħabba bl-ispejjeż tat-trasport, fejn kien hemm qbil. Is-Sindku qal li għandu jingħad lilhom li l-Kunsill Lokali huwa nteressat. Il-Kunsill approva.

## 19.8 MISTOQSIJIET

**19.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 19.9 MOZZJONIJIET

**19.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 19.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**19.10.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-kuntratt tal-vending machine li tinsab fil-bandli, skada u ser jerġa jiġġedded. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil li meta l-Kunsill jirċievi l-prodotti tax-xorb, il-membri tal-Kunsill għandhom jiġu nfurmati.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7143/25/9** 'Sabiex l-agreement li sar mas-Sur Adrian Burnell rigward il-vending machine fi Pjazza Patri Redent Gauci jiġi mġedded għal sena mill-10 ta' Mejju 2025 - 9 ta' Mejju 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 19.11 FINANZI

**19.11.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 19.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**19.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ltaqà s-Sotto Kumitat tat-Traffic Management fejn ġew diskussi xi affarijiet, u għaldaqstant ser ikun qed iressaq xi mozzjonijiet.

Il-Kuns R Ellul daħal fil-kamra fis-17:57.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7144/25/9** 'Sabiex minn Triq William Lassell sa Triq Pawlu Micallef issir 2 way kif ukoll Triq Gardjola isiru tabelli li t-triq tagħlaq.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns C Bonello ħareġ mill-kamra fis-18:03.

**19.12.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza mill-ħanut S&M fi Triq il-Koppla, fejn qed tintalab li ssir 'unloading bay', u s-Sotto Kumitat tat-Traffic Management ma qabilx li din għandha ssir. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li l-'unloading bays' qed ikunu dejjem l-istess problema. Is-Sindku sostna dawn dejjem ser ikunu ta' problema minħabba li kull darba li ssir 'unloading bay', jintilfu ħafna spazji ta' parkeġġ, u f'dawn il-każijiet ir-residenti dejjem għandhom jiġu l-ewwel.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7145/25/9** 'Dan il-Kunsill ma jaqbilx ma' unloading bay mitluba mill-ħanut 'S and M', għalhekk ma japprovax l-istess talba ta' unloading bay.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**19.12.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill rċieva talba oħra għal 'unloading bay' fil-'main road' mill-ħanut Eeetwell. Is-Sindku qal li ftit aktar 'l isfel minn dan il-ħanut hemm 'unloading bay' oħra li jistà jsir użu minnha.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7146/25/9** 'Dan il-Kunsill ma jaqbilx mat-talba tal-ħanut Eeetwell, dan għaliex ftit metri 'l isfel hemm unloading bay li tistà tintuża minn kulħadd.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns C Bonello daħal fil-kamra fis-18:08.

**19.12.4** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns M Lombardo qal li kien hemm talba mill-każin tal-Partit Laburista biex issir unloading bay għal ġurnata waħda fil-gimgħa, fejn din kienet tressqet quddiem il-Kunsill u ma kienx hemm qbil li din għandha ssir. Il-Kuns M Lombardo sostna li quddiem dan il-każin hemm żewġ 'unloading bays' jew 'unloading bay' waħda li għandha spazju ta' żewġ vetturi u m'hemmx tabella mwaħħla li tindika l-ħinijiet li kienu mitluba. Wara diskussjoni, is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob lill-Transport Malta sabiex issir tabella bil-ħinijiet minnufih u li tindika dak li ġie maqbul minn naħa tagħhom. Is-Sindku qal ukoll li għandha tingħata r-raġuni għaliex l-ispazju tal-kaxxa ta' l-'unloading bay' huwa daqshekk kbir. Il-Kunsill approva.

**19.12.5** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta ittra oħra rigward '30 min timed parking bay' fi Triq Hompesch. Is-Sindku qara l-ittra annessa bħala 'Dok B'. Is-Sindku qal li s-sena l-oħra, il-Kunsill kien irċieva din it-talba, fejn kienet ġiet irrifjutata u ġew mibgħuta l-kummenti lill-Transport Malta. Is-Sindku kompla jgħid li għalkemm din it-talba ġiet irrifjutata minn naħa tal-Kunsill Lokali, xorta waħda ġiet aċċettata minn naħa ta' Transport Malta. Il-Kuns C Bonello sostna li kull 'parking bay' jew tabella li ssir u ma tkunx b'approvazzjoni tal-Kunsill, min jagħmilha għandu jieħu hsiebha hu u mhux il-Kunsill. Is-Sindku qal li dawn it-'timed parking bays' huma ta' detriment għar-residenti. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex titkellem mal-Kuns R Ellul peress li d-dekasteru jaqà taħtu, u filwaqt li timxi mal-linji gwida tiegħu, għandu jingħad lill-Transport Malta li bħala Kunsill ma kienx hemm qbil dwar din it-talba, u għaldaqstant il-Kunsill mhux ser jieħu responsabbiltà ta' l-'upkeep' tagħha. Il-Kuns C Bonello qal li għandha tkun inġenerali u jingħad li l-Kunsill qed jinnota li qed isiru marki u sinjali tat-toroq mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill, u għaldaqstant ser jieħu nota tagħhom u mhux ser jassumi responsabbiltà. Is-Sindku qal li jekk hemm qbil mill-membri tal-Kunsill, għandha ssir draft ta' din l-ittra sabiex tkun tistà tiġi mibgħuta lill-Transport Malta. Il-Kunsill approva.

Il-Kuns C Bonello ħareġ mill-kamra fis-18:20.

Il-Kuns C Bonello daħal fil-kamra fis-18:21.

## 19.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**19.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li beda x-xogħol fi Triq il-Karmnu, fejn ser ikunu qed jinbidlu s-servizzi ta' l-ilma u tad-dranaġġ, u l-bankini wkoll. Is-Sindku qal li s-servizzi tad-dranaġġ mhux ser jinbidlu kollha għaliex in-naħa ta' fuq hemm servizzi ġodda. Is-Sindku żied jgħid li huwa tkellem mal-kuntrattur u ġie mfittiehem li sabiex jiġi mnaqqas id-detriment għar-residenti, ix-xogħol f'din it-triq ser jinqasam f'fażijiet, fejn diġà beda x-xogħol mill-'main road' sal-kantuniera ta' fejn l-iskola. Huwa kompla billi qal li sabiex ir-residenti li għandhom il-garaxxijiet tagħhom fi Triq il-Karmnu ikollhom aċċess għall-garaxxijiet, jistgħu jidħlu 'wrong way' mill-'main road' għall-ewwel parti tat-triq, peress li bħalissa l-vetturi ma jistgħux jinżlu 'l isfel minn din it-triq. Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk hemmx 'timeframe' ta' meta ser jitlesta x-xogħol, bis-Sindku jwieġeb li jekk ma jinqalawx problemi, dan ser idum bejn xahrejn u xahrejn u nofs. Is-Sindku qal ukoll li nbidel il-'main' ta' l-ilma.

**19.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra rigward ix-xelter li jinsab fi Triq il-Karmnu minħabba li trid tittieħed deċiżjoni rigward x'ser isir. Is-Sindku qal x-xelter m'għandux jingħalaq imma jsir bieb tal-ħadid li jkun b'saħħtu li jkun jistà jinfetaħ bil-'hydraulics'. Il-Kuns C Bonello qal li għandha titwessa l-bankina fejn hemm ix-xelter, bis-Sindku jwieġeb li dan mhux possibbli peress li l-bokka tiegħu qegħda f'nofs it-triq, u għaldaqstant il-Kunsill għandu jkellem lill-perit. Il-Kuns C Bonello qal li m'għandux isir hydraulic. Il-Kuns R Ellul staqsa jekk tistax issir tappiera, bis-Sindku u l-Kuns C Bonello jwieġbu li mhux possibli peress li l-bokka tax-xelter hija kbira u wiesa. Il-Kuns R Ellul qal li ssir parti minnha biss, li jkun jistà jinżel persuna. Is-Sindku qal li peress li hemm it-taraġ, jekk 'il quddiem jinfetaħ għall-pubbliku, trid tinfetaħ b'mod li ma tkunx perikoluża. Il-Kuns C Bonello qal li l-Kunsill għandu jkellem lill-perit. Is-Sindku qabel ma' dan u għaldaqstant qal li l-Kunsill għandu jkellem lill-perit ta' Infrastructure Malta u anke lill-Heritage Malta.

## 19.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**19.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns I Catania De Givoanni qal li fix-xahar ta' April tkompliet il-ħidma sabiex isir il-kors ta' 3D printing fejn waslet fl-aħħar stadji u kull ma jonqos huwa pjan aħjar ta'

immaniġjar fis-sistema tal-'booking'. Is-Sindku qal lill-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jitkellem mas-Segretarju Eżekuttiv biex jiġi deċiż kif ser jittieħdu l-'bookings' għal dan il-kors, fejn aċċenna li huwa mportanti li min japplika ikun resident ġewwa l-Fgura u anke li trid tinħoloq sistema sabiex meta l-kors ikun 'fully booked', il-pubbliku jiġi avżat.

**19.14.2** Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li fir-rigward ta' l-app, li s'issa hija l-akbar proġett ta' teknoloġija fil-lokalità tal-Fgura, dalwaqt ser ikunu qed jibdew diskussjonijiet.

**19.14.3** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara qal li fir-rigward tal-ħarġa għal Għawdex li saret il-ġimgħa ta' qabel, jixtieq jirringrazzja lill-istaff kollu li kienu ta' għajnuna kbira biex setgħet issir din il-ħarġa u tkun ta' suċċess.

**19.14.4** Il-Kuns R Deguara qal li fir-rigward tal-mozzjoni li kien ressaq għall-ħarġa fil-Palazz tal-President, għadu qed jitħabat għad-data peress li qed issir rinovazzjoni f'xi swali, u għaldaqstant din il-ħarġa ser ikollha tiġi posposta għal data oħra.

Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7147/25/9** 'Sabiex issir reżoluzzjoni dwar il-mozzjoni numru 7066/25/9 li tirreferi għall-ħarġa fil-Palazz tal-President tiġi emendata b'mod li: Minħabba li qed isir xogħol fil-Palazz imsemmi, il-ħarġa tiġi posposta minn Mejju 2025 għal data ohra li titħabbar lill-Kunsill aktar tard.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**19.14.5** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7148/25/9** 'Sabiex issir ħarġa għall-Katidral tal-Imdina u l-mużew fix-xahar ta' Ġunju 2025 għas-somma ta' mhux aktar minn €800.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**19.14.6** Is-Sindku stieden lill-Kuns C Bonello sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka, ix-xemgħat u l fjakkoli bdew jintramaw u ser ikomplu sakemm jitlestu u jkun hemm kollox armat. Huwa qal ukoll li jidher li ser ikun r-riħ però dan għandu jbatti. Il-Kuns C Bonello qal li kellu jsir salib kbir li kien ser jiġi armat fir-'roundabout' però

min qed jagħmlu ma kienx ser ilahhqu, u għaldaqstant dan ma sarx imma ser isir aktar tard din is-sena, biex ikun bil-lest għall-Mixgħela tas-sena d-dieħla.

### 19.15 STAFF

**19.15.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7149/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqà t-talba ta' din l-istudenta biex tagħmel 20 siegha work placement fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura. L-isem tal-istudenta jinsab anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**19.15.2** Is-Sindku nforma l-kamra li kien qed jattendi student bi bżonnijiet speċjali fejn kien qed jagħmel xogħol volontarju fil-Kunsill Lokali għal xi ġimgħat, biex itejjeb l-għarfien tiegħu fejn jidħlu 'office skills', u li l-Kunsill kien ta' għajnuna kbira għalih.

**19.15.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7150/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-performance bonus ta' 9% pro rata għall-Ex Deputat Segretarju Eżekuttiv għall-perjodu ta' bejn is-6 ta' Novembru u 10 ta' Diċembru 2024. Dan irid jinħadem skond il-liġi 363 tar-Riżorsi Umani kif inhu anness. Il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv trid issir b'riżoluzzjoni tal-Kunsill u skont id-dispożizzjonijiet tal-artiklu 51 tal-Att. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv jingħata rimunerazzjoni ekwivalenti għall-massimu ta' salarju fi Skala 11 għal perjodu ta' għaxart (10) ijiem konsekuttivi, u wara jitħallas l-ekwivalenti tas-salarju dovut lis-Segretarju Eżekuttiv tal-istess Kunsill. F'dan il-każ japplikaw ukoll il-kundizzjonijiet kollha li jirregolaw il-pożizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv sa dak il-jum li s-Segretarju Eżekuttiv jerġa jassumi d-dmirijiet tiegħu jew il-Kunsill jaħtar Segretarju Eżekuttiv ġdid skont il-każ: Iżda dan l-arranġament għall-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv ma jistax jeċċedi d-disgħin (90) jum mid-data tal-ħatra.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**19.15.4** Is-Sindku nforma l-kamra li kien hemm persuna waħda biss li applikat għal pożizzjoni ta' 'Administrative Officer II' fi skala 11, fejn waqt l-intervista ingħad lil din il-persuna li l-Kunsill qed ifittex li jimpjega lil xi ħadd fuq 'accounts', u wara l-intervista ġiet riċevuta korrispondenza mingħand din l-istess persuna li

m'għadhiex interessata. Is-Sindku qal li tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv u peress li persuna mill-istaff qabdet sew bħala xogħol fuq il-finanzi, ma tagħmilx sens li tiġi mpjegata persuna oħra fi skala 11. Is-Sindku qal li għaldaqstant għandha tiġi mwaqqa skala 11 billi ssir reżoluzzjoni tal-mozzjoni, biex b'hekk il-mozzjoni tiġi emendata u tinfetaħ sejħa għal skala 15.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7151/25/9** 'Sabiex issir reżoluzzjoni dwar il-mozzjoni numru 7093/25/9 Sabiex dan il-Kunsill joħroġ sejħa għal Assistent Prinċipal (Administrative Officer II) fi skala 11 li għaddiet fil-laqgħa datata 18/02/2025, tinbidel għal sejħa ta' skrivan skala 15.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 19.16 PURCHASE REQUEST FORM

**19.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7152/25/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' April 2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 19.17 ĦLASIJIET

**19.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7153/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-lista tal-ħlasijiet minn 11/03/2025 sa 09/04/2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 19.18 AĠĠORNAMENT

**19.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-18:44 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 14 ta' Mejju, 2025 fil-17:30hrs.

# KUNSILL LOKALI FGURA

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data: 16 ta' April, 2025

'Dok A'

10.

OMBUDSMAN

MALTA

**Case No OMB-24-5082**

1st April 2025

The Mayor
Fgura Local Council
126/128, Fgura Local Council
Hompesch Road
Fgura FGR 2015

Sir

I am writing with reference to a complaint raised with this Office by Mr Julian Long (complainant) of Graceful Court, Flat 5, Triq il-Knisja, Ix-Xaghra.

Mr Long's complaint concerns an incident that occurred on 18 December 2023, while he was riding his motorbike in Triq il-Foss, heading from Hompesch Gate to Fgura. He alleges that his motorbike hit a pothole, causing significant damage. Upon submitting a claim for damages to the Fgura Local Council, which he alleges were caused due to its failure to maintain the road, he was informed that the Council had discussed his case and determined it was not responsible for the incident. Consequently, his claim for damages was denied. However, complainant stated that he was never provided with a reason for the rejection of his claim.

Enclosed are copies of complainant's police report, photographs of the pothole and the resulting damage, as well as a repair quotation for your perusal.

It would be appreciated if you could kindly let me have your comments on the case at your earliest convenience.

Yours faithfully

Dr Lilian Cremona
Senior Investigating Officer

Encl.

Copy:

Mr Emil Vassallo
Director General
Local Government Division
26 Archbishop Street
Valletta VLT 1443

'Dok B'
CM file for discussion

The Executive Secretary
Fgura Local Council
Fgura

Transport Malta

Malta Transport Centre,
Triq Pantar,
Ħal Lija, LJA 2021
Malta

Tel: (356) 2122 2203
Fax: (356) 2125 0365
Email: info.tm@transport.gov.mt

www.transport.gov.mt

14th March 2025

Dear Sir/Madam,

***Re: 30mins Timed Parking Bay in Triq Hompesch, Fgura***

Reference is being made to the above-mentioned subject.

Kindly be informed that the Traffic Management Division is authorising 30mins Timed Parking Bay in front of Tutti Gusti in Triq Hompesch, Fgura with Sign on pole with timings reading 30mins Timed Parking Bay Monday to Friday from 8.30am to 13.00pm and 16.00pm to 19.00pm and Saturday from 8.30am to 13.00pm. Unrestricted Parking Remaining Hours.

**Kindly note works will be carried out from our end.**

Provided that:

All traffic management changes are according to the Traffic Management Unit Guidelines and to LN29 of 2010 Road Works (Design and Construction Standards) Regulations 2010.

All traffic signs and road markings are to conform to Traffic Signs and Carriageway Markings Regulations as established by Legal Notice 94 of 1969 and subsequent amendments.

Transport Malta finds no objection without prejudice to third party rights.

The execution of these works is subject to the acquisition of any other permission, licence or authorisation from the relevant public agency as required by law.

Kindly be informed that Transport Malta is in compliance with the technical guidelines and policies as established by the Authority for Transport in Malta Act Chapter 499.

Regards,

Mario D. Bezzina

Traffic Management Division